**Kunsill Lokali Il-Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A06-12

27 ta' Lulju 2012

**Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/06**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **l-Erbgħa 1 t' Awissu 2012, fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet
5. Diskussjoni u approvazzjoni tal-*$1^{st}$ and $2^{nd}$ Quarterly Reports* – Jannar – Ġunju 2012
6. Diskussjoni dwar ġbir ta' skart u tindif tat-toroq
7. Diskussjoni u approvazzjoni dwar il-kumpanija responsabbli mill-ġbir ta' skart separat
8. Affarijiet oħra
9. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skont il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Rowena M. Borg B.A. Dip.Mgmt. M.I.M |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

# Kunsill Lokali IL-Gżira

27 ta' Settembru 2012

Ref Nru.Klg6/006

Minuti tal-laqgħa Nru Klg6/006 li saret l-Erbgħa 1 t' Awwissu 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.00 p.m.

**Preżenti**

Seba' membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Roberto Cristiano, il-Viċi-Sindku Joe Galea, l-Kunsillieri Vincenza Attard, Joe Camilleri, Charles Micallef St. John, Victor Rutter u Joseph Muscat flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa.

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fis-27 Lulju 2012.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti.**

**1.1** Il-minuti tal-laqgħa Klg6/005 u Klg6/005a ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.1.1** Il-Viċi-Sindku qal, li fil-minuti Klg6/005a f'paġna Nru: 3 para 7.3 titneħħa l-kelma 'jogħla' u tiżdied il-frażi ' jiġu mneħħija l-ponot tal-ħadid'.

Din l-emenda ġiet issekondata mill-Kunsilliera Vincenza Attard.

Minħabba li ma kienx hemm aktar korrezzjonijiet il-minuti tas-27 ta' Ġunju u tal-kontinwazzjoni tal-11 Lulju 2012 kif preżentati u emendati ġew approvati unaimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

## 2. Materji Konnessi – mill-minuti tal-laqgħa ta' kontinwazzjoni li saret fil-11 Lulju 2012

**2.1 Paġna Nru: 2 para 7.3 –** Il-Viċi-Sindku qal li kien ser jipprova jġib il-pjanti ta' Misraħ Turu Colombu mill-*MEPA*.

**2.2 Paġna Nru: 3 para 7.5** – Rigward it-trasferiment tas-Segretarju Eżekuttiv, iċ-*Chairman* informa li s-Sur Kevin Borg kellu jikkonfermalu li kien dispost li jservi bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv f'dan il-Kunsill sal-Ġimgħa 3 t'Awwissu 2012.

**2.3 Paġna Nru: 3 para 7.7 -** Iċ-*Chairman* qal,li rigward ir-*roof parking area* ta' *reservoir*, kien ġie deċiż li l-Perit tal-Kunsill kellu jivverifika u jieħu ħsieb l-permessi kollha neċessarji tal-*MEPA* u ġiet evalwata l-possibilita' li l-Kunsill jitlob id-devoluzzjoni ta' dan il-parkeġġ sabiex ikun jista' jiġi amministrat mill-Kunsill. Huwa kompla jgħid, li kien tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv dwar xi kontijiet tal-Perit u fl-opinjoni tiegħu qal, li jkun aħjar jekk għalissa ninfurmaw lill-Perit biex għalissa ma jagħmel xejn sakemm il-Kunsill jibgħatlu struzzjonijiet oħra minħabba l-fatt, li l-Kunsill ma kien irċieva ebda korrispondenza mingħand il-Ministru Pullicino u għalhekk mhux ċerti jekk il-proposta tal-Kunsill tiġix milqugħa.

**2.4** Iċ-*Chairman* informa li l-*B.O.Q.* tal-proġett ta' Triq Gerry Zammit kien ġie rivedut u l-ammont jaqra €313,030.40 u għalhekk, f'dan l-istadju ebda xogħol ieħor ma seta' jsir minħabba li l-fondi tal-*U.I.F.* kienu ser ikunu biss għal dan il-proġett.

Huwa qara *e-mail* mibgħuta lill-Perit u r-risposta tiegħu, li l-applikazzjoni għal dan il-proġett kienet saret għaxar snin ilu u l-ammont rivedut kien ser jikkawża *depreciation* fil-fondi tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li minn meta saret l-ewwel applikazzjoni, l-prezz tat-tarmak kien ittripla filwaqt li l-Viċi-Sindku qal, li apparti t-tarmak, kollox kien baqa' l-istess.

Is-Segretarju Ezekuttiv daħlet għall-laqgħa fil-5.20 p.m minħabba impenn familjari (funeral familjari).

**2.5 Paġna 5 Para 7.10** – Iċ-*Chairman* informa li dwar dan il-kuntratt, fis-26 Lulju 2012 hu flimkien mal-Viċi-Sindku bħala l-membru fi ħdan il-Kunsill responsabbli mill-Infrastruttura, s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Perit tal-Kunsill Joe Bugeja kellhom laqgħa mad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali s-Sinjuri Carmel Abela u Pio Farrugia.

Matul din il-laqgħa l-Perit issottometta rapport tekniku b'*cost analysis* minn xiex kienet kompost l-varjanza ta' 20% fuq il-prezz oriġinali tal-kuntratt mirbuħ.

Hu kompla jgħid, li matul din il-laqgħa l-Kunsill kien gwidat li tramitte tal-Perit tiegħu għandu jiġi mħejji rapport ieħor tekniku li jinkludi dak preżentat fil-laqgħa, ċ-ċertifikazzjonijiet minn labortarju ndipendenti dwar il-kwalita' tax-xogħol u mill-Perit tal-Kunsill li x-xogħol sar tajjeb u skont l-*istandards* stipulati fil-kuntratt, liema dokument irid jintbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti kkupjat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**2.6 Paġna 6 Para 3.3** – Il-Kunsill Lokali ġie nfurmat li minkejja li kienet ġiet sottomessa r-risposta lid-ditta *Wasteserv* għall-*e-mail* li kienet bagħatet fis-27 ta' Ġunju 2012, l-istess ditta reġgħet ssottomettiet l-istess talba permezz t'*e-mail* oħra datata 31 ta' Lulju 2012.

Matul id-diskussjoni li saret, filwaqt li l-Kunsill reġa' rrikomferma d-deċiżjonijiet tiegħu meħuda fil-laqgħat preċedenti kif komunikati kemm lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif ukoll lid-ditta *Wasterserv* qabel unanimament, li din il-materja għandha tiġi riferuta lill-Avukat tal-Kunsill Edward Woods u c-Chairman jiddiskuti din il-materja mas-Sur Michael Cohen – President Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

**2.7 Paġna 7 Para 3.6 u Paġna11 Para 7.1** – Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Perit tal-Kunsill Joe Bugeja kien ssottometta r-rakkomandazzjonijiet tiegħu u cioe' fir-rispett tal-materja msemmija f'paġna 7 – *build outs* fit-Triq Manoel de Vilhena kien rrakkomanda li dawn jitneħħew għar-raġuni li jistgħu jkunu ta' periklu għat-traffiku, filwaqt li fir-rispett tal-materja l-oħra tal-*bring-in-sites* kien tal-fehma, li dawn jitneħħew għaliex f'distanza ta' madwar 50-60 metru kien hemm sett ieħor.

Matul id-diskussjoni li saret, filwaqt li ċ-*Chairman* qal li hu kien tal-fehma li l-*green skips* għandhom jitneħħew u mhux il-*bring-in-sites*, il-Kunsill qabel li għandna nikkuntattjaw lid-ditta *Green Mt* sabiex jitneħħew il-*bring-in-sites* li kienu tpoġġew riċentament quddiem *boundary wall* fi Triq Edgar Bernard

**2.8 Paġna 8 Para 3.8** – Il-Kunsill Lokali ġie nfurmat, li l-Kunsill kellu konferma mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li l-applikazzjoni tiegħu skont memo 27/2012 kienet ġiet milqugħa.

**2.9 Paġna 8 Para 3.13** – Il-Kunsill ġie nfurmat, li l-Avukat tal-Kunsill Edward Woods, kien wieġeb l-ittra legali li l-Kunsill kien irċieva mingħand l-Avukat Noel Bartolo għan-nom tas-Sur Publius Azzopardi

**Paġna 10 Para 3.19** - A bazi tal-punt msemmi fil-paragrafu 2.7, dwar it-tneħħija tal-*green skips*, ċ-*Chairman* nforma, li kif kien deċiż, hu tkellem mal-kuntrattur u dan ta' l-aħħar nfurmah, li jekk għandha ttieħed xi deċiżjoni din tibda tapplika minn wara s-sajf, jiġifieri f'Settembru 2012 minħabba li l-użu tagħhom jiżdied drastikament fix-xhur sajfin

b’konsegwenza tal-fatt, li jekk dawn jitneħħew ir-riperkussjoni tkun li l-iskart jinxteħet fl-art. Fuq dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid, li s-sentenza t’appell fir-rispett ta’ dan il-kuntratt kienet appuntata għat-18 t’Ottubru 2012 u għalhekk f’dan l-istadju kien ikun aħjar li l-Kunsill jistenna l-eżitu tas-sentenza.

A bażi tal-punti mressqa, l-Kunsill qabel unaimament li kollox jibqa kif inhu u jistennew l-eżitu tas-sentenza tal-Qorti.

## 3. Korrispondenza

**3.1** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sa l-1 t’ Awwissu 2012 kif ukoll, ingħatat informazzjoni ta’ laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2** Inqrat il-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom.

**3.3** Inqrat ittra datata 27 ta’ Lulju 2012 minn *Transport Malta* mill-Perit Audrey Testaferrata de Noto permezz ta’ liema, l-Kunsill ġie nfurmat, li l-proposta ta’ *one-way system* fit-Toroq Wied il-Kappara u Giacint Tua ġiet milqugħa għal perjodu ta’ prova ta’ tliet xhur.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unimament li in segwitu tad-deċiżjoni meħuda fil-laqgħa tal-15 ta’ Marżu 2012, għandha tinħareġ ċirkulari lir-residenti sabiex jiġu nfurmati b’dan it-tibdil u minn meta ser jibda l-perjodu ta’ prova.

**3.4** Inqrat *e-mail* datata 1 t’Awwissu 2012, mis-Sna Marthese Baldacchino għan-nom tal-*U.I.F.* fi ħdan il-*M.E.P.A.* permezz ta’ liema l-Kunsill ġie nfurmat li t-talba għall-estenzjoni fi żmien ta’ Żona 1 tal-proġett tal-bankini ġiet milqugħa.

Matul id-diskussjoni li saret il-Kunsill qabel unanimament b’mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li filwaqt li għandna niktbu ittra ta’ ringrazzjament ’l-kumitat titressaq it-talba biex jipproċedi b’żona 2.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li l-Kunsill għandu jitlob konferma bil-kitba mill-Ministeru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali jekk il-proġett għax-Xatt huwiex ser imiss il-bankini kif ukoll s-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li qabel tinħareġ is-sejħa għall-offerti tat-tieni żona, għandu jsir kuntatt mal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta’ l-Ilma biex jiġi vverifikat x’inhi n-nefqa stmata li l-Kunsill jrid jalloka.

**3.5** Inqrat ittra t’apprezzament mis-Soċjeta Mużikali Banda Mount Carmel Gżira, għall-impenn tal-Kunsill sabiex iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa setgħu jsiru u kienu suċċess.

**3.6** Inqrat ittra mis-Sur James Rizzo datata 16 ta' Lulju 2012, in segwitu tal-laqgħa li kellu maċ-*Chairman* dwar talba sabiex jitwaqqaf kumitat li jkun responsabbli mix-xogħlijiet preparatorji sabiex isir bust f'ġieh Albert Rizzo.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament fil-prinċipju ma' din l-inizjattiva madanakollu, din għandha tiġi evalwata f'aktar dettal mal-Perit tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal li fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss, tiġi diskussa proposta biex isir lapida kommemorattiva ta' fejn intefgħet il-ġebla li weħlet fl-inkwadru tal-Madonna.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.7** Inqrat *e-mail* datata 14 ta' Lulju 2012, dwar talba mis-Sna Francesca Pullicino għan-nom ta' *Azzure LTD* sabiex għall-perjodu tax-xahar ta' Settembru 2012, jintrama' van bit-taraġ sabiex jinbiegħu l-iskemi ta' *time share.*

Matul id-diskussjoni li saret, filwaqt li ċ-*Chairman* qal li għandu jinħareġ permess għal sittax -il ġurnata konsekuttiva skont S.S.L. 441.04 u jkompli jiġi mġedded għall-xahar, l-Kunsillier Charles Micallef St. John żied jgħid, li fil-permess għandha tiddaħħal klawsola li tgħid, li jekk ikun hemm ilmenti minn nies, il-permess jiġi rtirat.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li fl-S.S.L. hawn fuq imsemmija m'hemmx speċifikat jekk il-permess jistax jiġi mġedded kif propost fil-paragrafu preċedenti kif ukoll kellha riserva jekk il-van propost għandux bżonn permess tal-Kunsill skont din is-S.S.L. Hi kompliet tgħid, li l-kunsill għandu jitlob gwida legali mill-Avukat tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali Angele Vella u b'hekk kull deċiżjoni meħuda tevita li jista' jinħoloq xi preċedent.

Minkejja l-fatt li ċ-*Chairman* qal, li l-Kunsill ma kienx *rubber stamp* u fl-opinjoni tiegħu jista' jmexxi bil-ħruġ tal-permess kif mitlub, kkonċeda, li l-Kunsill jieħu parir legali mid-Dipartiment kif talbet is-Segretarju Ezekuttiv. Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv għandha tikkomunika bil-miktub ma' l-Avukat Vella.

**3.8** Inqrat *e-mail* datata 30 ta' Lulju 2012, mill-Avukat Rolan Borg għan-nom ta' *WH Works* b'risposta għad-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill dwar il-proċedura applikabbli għal talbiet ta' *loading and unloading bays*.

Matul id-diskussjoni li saret, iċ-*Chairman* qal, li hu kien tkellem personalment ma' l-Perit Testaferrata de Noto fi ħdan *Transport Malta*, fejn gwidatu li l-proċess tas-sottomissjonijiet għal talbiet simili għandhom

isiru mill-kunsill stess u mhux kif kien deċiż fl-aħħar l-laqgħa tal-Kunsill mill-individwi konċernati.

Għaldaqstant, kien qed jirrakkomanda li l-Kunsill jirtira d-deċiżjoni meħuda fil-laqgħa preċedenti, jiġifieri tas-27 ta'Ġunju 2012 u minflok jaqbel li kull talba simili li l-Kunsill jirċievi għandu jissottomettiha hu 'l *Transport Malta* u din ta' l-aħħar tiddeċiedi jekk it-talba tintlaqax jew le.

B'eżitu ta' l-ispjegazzjoni kif mogħtija, l-Kunsill qabel unaimament ma' dak propost miċ-*Chairman* b'mozzjoni mressqa minnu stess ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li l-proċedura tinbidel u ninfurmaw 'l din id-ditta b'din id-deċiżjoni.

**3.9** Inqrat *e-mail* datata 15 ta' Mejju 2012, mis-Sna Gaby England għan-nom ta' *England Insurance Agency* u l-Kunsill qabel unanimament li m'għandux jintervjeni f'każijiet simili u għalhekk ebda risposta m'għandha tiġi sottomessa.

**3.10** Inqrat *e-mail* datata 6 ta' Lulju 2012, mingħand l-awtur Clifford Vella dwar offerta ta' ktieb li kien għadu kemm ppubblika bl-isem 'Leġġendi, Misteri u Għajdut mill-Gżejjer Maltin'

Matul id-diskussjoni li saret il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairm*an ssekondata mill-Kunsillier Joe Muscat li jinxtraw erba' kopji ta' dan il-ktieb għall-prezz ta' €38.00 sabiex b'hekk tingħata l-ħames kopja bla ħlas kif ukoll, li jinxtraw żewġ kopji tal-ktieb 'L-Olimpjadi tad-Dagħa' ta' l-awtur Charles Micallef St. John għall-prezz ta' €12.00.

Minħabba l-fatt li l-awtur hu kunsillier fi ħdan dan il-Kunsill Lokali ma pparteċipax fid-diskussjoni u d-deċiżjoni dwar ix-xiri tal-kotba li tagħhom hu l-awtur.

**3.11** Inqrat *e-mail* datata 9 ta' Mejju 2012 mis-Sna Doreen Busuttil għan-nom ta' *Transport Malta* dwar talba li l-Kunsill kien ssottometta 'l din l-awtorita' fis-26 ta' Mejju 2010.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li r-risposta għandha tkun fl-affermattiv.

**3.12** Inqrat ittra datata 17 ta' Lulju 2012, mid-Direttur tad-Direttorat ta' Toroq u Infrastruttura fi ħdan *Transport Malta* s-Sur Simon Grima dwar informazzjoni mitluba lill-Kunsill dwar toroq residenzjali li qatt ma saru.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku li fir-risposta għandha ssir referenza għall-ittra li l-Kunsill kien irċieva mingħand il-Kap Eżekuttiv ta' din l-Awtorita Dott Stanley Portelli permezz ta' liema, kien

ġie nfurmat, li Triq Luqa Briffa (triq residenżjali li għadha ma saritx) hi nkluża fil-proġramm għas-sena 2012.

**3.13** Il-Kunsill ġie nfurmat li kien irċieva l-formola għan-nominazzjoni ta l-Anzjan tas-Sena 2012 mis-Segretarjat Parliamentari għall-Anzjani u Kura fil-Komunita' u jekk ikun interessat li jipparteċipa, n-nominazzjonijiet jintlaqgħu sa l-10 ta' Settembru 2012 f'nofsnhar.

**3.14** Il-Kunsill ġie nfurmat li d-ditta t'Inġinirija NBE kienet infurmat, li *wooden see saw* kienet perikoluża u tinħtieġ manutenzjoni mmedjata.

Matul id-diskussjoni li saret, fejn il-kunsill ġie nfurmat li d-ditta J & K kienet għadha ma ssottomettietx il-kwotazzjoni għaċ-ċaqlieq ta' l-*adult outdoor gym equipment* kif rakkomandat mill-istess ditta, qabel unanimament, li filwaqt li għandna ninsistu biex nirċievu l-istima mitluba, fl-aħħar każ kif imsemmi fir-rapport, għandna nitolbu ritratti sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni mill-aktar fis possibbli.

**3.15** Tressqet kwotazzjoni mid-ditta *Koptasin* dwar *junction bays* ġodda fi Triq D'Argens kantuniera mat-Toroq Reid, Flotta u San Albert għall-prezz ta' €565.63.

Matul id-diskussjoni li saret, fejn is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kuntrattur kien qallilha li dawn jeħtieġu l-permess ta' *Transport Malta*, il-Kunsill qabel unanimament, li din il-materja għandha tiġi trattata aktar 'l quddiem.

**3.16** Inqrat *e-mail* datata 18 ta' Mejju 2012 mis-Sur Noel Pace resident fi Triq Dott Ġużè Miċeli fir-rispett ta' liema, l-Kunsill qabel unanimament li tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

**3.17** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet

**4.1** Tressqet l-iskeda tal-Ħlasijiet Klg6/06 minn Nru: 149 sa Nru:222 (ara *appendix* Nru:1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2** Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li b'eżitu tat-telefonata li kienet irċieviet mis-Sur Jesmond Baldacchino għan-nom tad-Ditta *R.S.L.* dwar iċ-ċertifikazzjonijiet tat-10% *retention money* fir-rispett tat-tliet toroq li kienu kkuntratati għalihom (jiġifieri Toroq Samuel Taylor Coleridge, Immakulata Kunċizzjoni u Nicola Cottoner) u 5% li kien tnaqsilhom minn fuq il-pagamenti tax-xogħol ta' l-ilma sabiex setgħa jistħallas il-*contract*

*management fee*. Hi kompliet tgħid, li kienet għamlet kuntatt mal-Perit tal-Kunsill u r-risposti tiegħu kienu s-segwenti:

- 10% *retention monies* – b'eżitu ta' *site inspections* li saru jirriżulta, li t-tliet toroq hawn fuq imsemmija nstabu f'kundizzjoni tajba u mingħajr difetti u għalhekk ġie ċertifikat li l-ammonti dovuti jistgħu jiġi rilaxxati.

- 5% *contract management fee* – inqrat *e-mail* datata 17 ta' Lulju 2012, permezz ta' liema l-Perit nforma li kien żamm mad-deċiżjoni oriġinali tiegħu kif komunikat fit-8 t'Awwissu 2011.

Matul id-diskussjoni li saret a bażi ta' l-*emails* li l-Kunsill irċieva, ġie deċiż unanimament b'mozzjoni mressqa mic-*Chairman* issekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John, li a bazi taċ-ċertifikazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Perit, l-Kunsill għandu jikkomunika mad-ditta *R.S.L.* u jinfurmaha li l-10% *retention monies* ser isir imma fir-rispett tat-talba tagħha dwar il-5% *contract management fee* fuq ix-xogħol tal-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-ilma li hu dovut lilha (jiġifieri lid-ditta *R.S.L.* u mhux lill-Perit tal-Kunsill), a bażi tal-pariri legali mill-Avukati Woods u Vella din ma tistax tiġi milqugħa.

Wara diskussjoni qasira, l-iskeda tal-ħlasijiet sopracitata u l-ħlasijiet imsemmija f'para 4.2 ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Vincenza Attard.

Il-Kunsillier Joe Camilleri telaq mill-laqgħa fis-7.20 p.m. minħabba mpenn ieħor.

## 5. Diskussjoni u approvazzjoni tal-1*st and 2nd Quarterly Reports – Jannar – Ġunju 2012*

F'dan l-istadju din il-materja ma setgħetx tiġi diskussa minħabba li l-*Accountant* tal-Kunsill ma setgħetx tattendi l-laqgħa għaliex kienet imsiefra.

Din il-materja tħalliet għall-laqgħa oħra.

## 6. Diskussjoni u approvazzjoni dwar il-kumpanija responsabbli mill-ġbir ta' skart separat

Iċ-*Chairman* ressaq il-*proposal document* li kien irċieva mis-Sur Daniel Chircop b'eżitu ta' laqgħa, li hu bħala s-Sindku flimkien mal-Kunsillier Joe Camilleri u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom ma' din id-ditta fit-18 ta' Lulju 2012.

Matul id-diskussjoni li saret, fejn il-*proposal* ġiet evalwata fid-dettal, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Muscat mal-proposta kif sottomessa, b'kontinwazzjoni ma' liema għandha terġa' ssir laqgħa mad-ditta *Green*

*Pak* sabiex tiġi sabbilita' l-*cut off* date sa meta jista' jibda s-servizz minn din il-kumpanija.

In vista tal-fatt li skont il-proposta ta' din id-ditta ser ikun hemm x'introduzzjonijiet ta' servizzi ġodda bħala ġbir ta' ħġieġ darba kull ħmistax u l-ġbir separat ser jerġa' jkun darba fil-ġimgħa, s-Segretarju Eżekuttiv ssuġġeriet li l-ħarġa li jmiss ta' l-Impenn għandha sservi ta' mezz komunikattiv importanti kif ukoll, iċ-*Chairman* żied jgħid, li anke il-proposta ta' din id-ditta ser tagħmel kampanja edukattiva ambjentali bieb bieb matul liema, ser jitqassam materjal informattiv u kien tal-fehma li jekk dawn ikunu produttivi, kien dispost li jinvesti f'inizjattivi simili.

## 8. Affarijiet Oħra

Il-Kunsillier Charles Micallef St. John ressaq dawn il-punti:

- ħdejn garage 121 Triq Luqa Briffa l-*one metre clearnace* isir *double yellow line* sabiex ħadd ma jipparkja
- ilma ħiereġ minn residenzi ta' 158 Triq il-Flotta u Triq Reid kantunieera ma' Triq ir-Rebħa

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li fir-rispett ta' l-ewwel punt, ir-resident konċernat kien tkellem mal-Kunsill, li minn naħa ta' l-uffiċċju kien informa li x-xogħol jsir mal-*workplan* li jmiss madanakollu, preżentament dan il-ġaraxx ma kienx qed jintuża' bħala garaxx iżda kien qed jinħażen xi materjal tal-bini minħabba żvilupp. Dwar it-tieni punt, apparti l-fatt li s-sistema ta' l-e-gov kienet bil-ħsara kien sar bit-telefon madanakollu, kienet ser tivverifika hi stess kemm mal-Korporazzjoni kif ukoll mal-*front office* ta' dan il-Kunsill.

## 9. Laqgħa Oħra

**9.1** l-laqgħa ntemmet fis-7.55 p.m.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Rowena M.Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/06**

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/06 01.08.2012** **Data:** **28.06.2012 - 01.08.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | The Toolbox | €11.14 | €11.14 | D | | Maint of Benches | 22.06.2012 | 11196 | 149 | 57/2012 | | 7852 |
| 2 | The Toolbox | €14.94 | €14.94 | D | | general maint. | 26.06.2012 | 11199 | 149 | 57a/2012 | | 7852 |
| 3 | The Toolbox | €17.88 | €17.88 | D | | maint of Admin Office | 19.07.2012 | 11238 | 149 | 59/2012 | | 7852 |
| 4 | Venture Trading | €54.75 | €54.75 | D | | Stationery | 02.07.2012 | 18975 | 150 | | | 7853 |
| 5 | Venture Trading | €22.12 | €22.12 | D | | Stationery | 03.07.2012 | 19009 | 150 | | | 7853 |
| 6 | ARMS Ltd | €371.88 | €371.88 | D | | Promenade - Triq ix-Xatt 26-11-2011-24.02.2012 | 11.06.2012 | 15357033 | 151 | | | 7854 |
| 7 | ARMS Ltd | €696.26 | €696.26 | D | | Gżira Gardens 26.12.2011 - 15.03.2012 | 11.06.2012 | 15357031 | 152 | | | 7855 |
| 8 | ARMS Ltd | €21.30 | €21.30 | D | | Activities Centre 11.04.2012 - 08.06.2012 | 15.07.2012 | 15510016 | 153 | | | 7856 |
| 9 | EcoPure | €8.50 | €8.50 | D | | Drinking water Admin. Office | 27.06.2012 | 519542 | 154 | | | 7857 |
| 10 | S.DeLeonardo | €30.00 | €30.00 | D | | Repair - A.C. Front Office | 27.06.2012 | 6389434 | 155 | | | 7858 |
| 11 | Alfa Co. Ltd | €2.75 | €2.75 | D | | Eco Tax re Toner | 30.06.2012 | 84166 | 156 | | | 7859 |
| 12 | Alfa Co. Ltd | €56.13 | €56.13 | D | | photocopies & Rentals 01.06.2012-30.06.2012 | 30.06.2012 | 84196 | 156 | | | 7859 |
| 13 | Alfa Co. Ltd | €104.81 | €104.81 | D | | photocopies & Rentals 13.05.2012-12.06.2012 | 30.06.2012 | 84369 | 156 | | | 7859 |
| 14 | Joe Bonnici & Sons | €381.73 | €381.73 | K | | Hire & Delivery of Mob/Toilets - June 2012 | 30.06.2012 | 6947 | 157 | | | 7860 |
| 15 | Env L/scapes Cons Ltd | €2,212.92 | €2,212.92 | T | | Maint of Soft Areas - June 2012 | 30.06.2012 | 008710 | 158 | | | 7861 |
| 16 | G4S Security Serv Malta Ltd | €159.30 | €159.30 | D | | Cash In Transit - June 2012 | 30.06.2012 | GS005393 | 159 | | | 7862 |
| 17 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | | Street Sweeping on Sundays - June 2012 | 09.07.2012 | 12_2602 | 160 | | | 7863 |
| 18 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | | Street Sweeping/Grass Cutting - June 2012 | 09.07.2012 | 12_2603 | 161 | | | 7864 |
| 19 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €62.71 | €62.71 | T | | Road Markings - Job No: 11734 | 18.06.2012 | 16583 | 162 | | | 7865 |
| 20 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €177.50 | €177.50 | T | | Road Markings - Job No: 16584 | 18.06.2012 | 16584 | 163 | | | 7866 |
| | **Sub Total c/f** | **€9,373.99** | **€9,373.99** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€9,373.99** | **€9,373.99** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/06**

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/06 01.08.2012** **Data:** **28.06.2012 - 01.08.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €800.16 | €800.16 | T | Road Markings as per Job No: 11683 | 22.06.2012 | 16601 | 164 | | | 7867 |
| 22 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €244.92 | €244.92 | T | Road Markings as per Job No: 11685 | 26.06.2012 | 16602 | 165 | | | 7868 |
| 23 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €154.04 | €154.04 | T | Traffic Signs & Mirror - Job No: 9388 | 28.06.2012 | 16655 | 166 | | | 7869 |
| 24 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €309.22 | €309.22 | T | Traffic Signs as per Job No: 9366 | 13.06.2012 | 16664 | 167 | | | 7870 |
| 25 | MITA | €416.85 | €416.85 | D | Maint&Connectivity - July-Sept. 2012 | 10.07.2012 | SIN026616 | 168 | | | 7886 |
| 26 | Gerald Bonello | €400.00 | €400.00 | D | Appell-Arbitraġġ Elmo Ins vs Gzira L/Council | 27.06.2012 | | 169 | | | 7812 |
| 27 | Grant Tornton | €100.00 | €100.00 | D | Preparation of Audit Certif. For ESF Project W.O.M.E.N. | 04.07.2012 | ABC/scl/02661 2 | 170 | | | 7887 |
| 28 | JCA Ltd | €1,486.80 | €1,486.80 | E.O.I | Accountancy Services January - June 2012 | 30.06.2012 | 126 | 171 | | | 7888 |
| 29 | C.S.D. Office Trade | €23.01 | €23.01 | D | Stationery | 17.07.2012 | 40270 | 172 | | | 7889 |
| 30 | Stardelta Hardware Store | €52.45 | €52.45 | D | Maint of Pjazza Meme' Scicluna | 26.06.12 | 5867891 | 173 | | | 7890 |
| 31 | D.O.I. | €9.32 | €9.32 | D | Advert Tender GLCT004/2012 Soft Areas | 16.07.2012 | | 174 | | | 7845 |
| 32 | Perm Sect Min for Home Affairs | €100.00 | €100.00 | D | Advert Tender GLCT004/2012 Soft Areas | 16.07.2012 | | 175 | | | 7891 |
| 33 | Union Print Ltd | €48.24 | €48.24 | D | Advert Tender GLCT004/2012 Soft Areas | | | 176 | | | 7910 |
| 34 | Allied Newspapers | €86.14 | €86.14 | D | Advert Tender GLCT004/2012 Soft Areas | 19.07.2012 | AS1508991 | 177 | | | 7892 |
| 35 | GO plc | €19.07 | €19.07 | D | Tel 341616 - Calls June Rent July 2012 | 16.07.2012 | 28555677 | 178 | | | 7846 |
| 36 | GO plc | €65.58 | €65.58 | D | Tel 322157 - Calls June Rent July 2012 | 16.07.2012 | 28556193 | 179 | | | 7847 |
| 37 | GO plc | €82.73 | €82.73 | D | Tel 334254/341034 Calls June Rent July 2012 | 16.07.2012 | 28555675 | 180 | | | 7848 |
| 38 | J.F. Mallia Ltd | €731.59 | €731.59 | D | Maint Bozoz Job Nos: 254-57-58-60-61-62-63-64-65 | 18.07.2012 | 755 | 181 | | | 7893 |
| 39 | JJ&JM Co Ltd | €32.97 | €32.97 | D | Consumables - 31.03.2012 Adm Office | 25.07.2012 | 351203 | 182 | | | 7894 |
| 40 | JJ&JM Co Ltd | €45.63 | €45.63 | D | Consumables - 30.04.2012 - Adm Office | 25.07.2012 | 351204 | 183 | | | 7895 |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€5,208.72** | **€5,208.72** |
| **Sub Total b/f** | **€9,373.99** | **€9,373.99** |
| **Total** | **€14,582.71** | **€14,582.71** |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/06**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/06 01.08.2012** **Data:** **28.06.2012 - 01.08.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | JJ&JM Co Ltd | €65.11 | €65.11 | D | | Consumables - 31.05.2012 Adm Office | 25.07.2012 | 351205 | 184 | | | 7896 |
| 42 | JJ&JM Co Ltd | €43.39 | €43.39 | D | | Consumables - 30.06.2012 Adm Office | 25.07.2012 | 351206 | 185 | | | 7897 |
| 43 | J.F. Mallia Ltd | €120.36 | €120.36 | D | | Removal of bollards Triq ix-Xatt | 18.07.2012 | 759 | 186 | | | 7898 |
| 44 | J.F. Mallia Ltd | €542.49 | €542.49 | D | | Maint Dawl Triq ix-Xatt | 18.07.2012 | 760 | 187 | | | 7899 |
| 45 | EcoPure | €8.50 | €8.50 | D | | Drinking Water - Adm Office | 11.07.2012 | 520833 | 188 | | | 7900 |
| 46 | Vinto Hardware Store | €10.20 | €10.20 | D | | Maint of Bollards | 20.07.2012 | 020732 | 189 | | | 7901 |
| 47 | Squire Bookshop | €33.75 | €33.75 | D | | Stationery | 20.07.2012 | 09652 | 190 | | | 7902 |
| 48 | WasteServ Malta Ltd | €4,064.39 | €4,064.39 | D | | Allocated MSW Waste June 2012 | 16.07.2012 | 024928 | 191 | | | 7903 |
| 49 | Squire Bookshop | €66.20 | €66.20 | D | | Newspapers for the month of June 2012 | 30.06.2012 | 365 | 192 | | | 7904 |
| 50 | Gżira Self Service | €418.85 | €418.85 | D | | attivita' 23.06.2012 | 23.06.2012 | 003204 | 193 | | | 7905 |
| 51 | Gżira Self Service | €142.12 | €142.12 | D | | attivita' 23.06.2012 | 23.06.2012 | 003205 | 193 | | | **7905** |
| 52 | Gżira Self Service | €119.10 | €119.10 | D | | attivita' 23.06.2012 | 23.06.2012 | 003206 | 193 | | | 7905 |
| 53 | ARMS Ltd | €442.11 | €442.11 | D | | 06.04.2012 - 06.06.2012 - Admin Office | 14.07.2012 | 15509135 | 194 | | | 7906 |
| 54 | Parish Priest - Gżira | €70.00 | €70.00 | D | | Avviż lir-Residenti | 29.06.2012 | 07 | 195 | | | 7912 |
| 55 | Parish Priest - Gżira | €107.00 | €107.00 | D | | attivita' 23.06.2012 | 27.07.2012 | 01 | 196 | | | 7911 |
| 56 | Media Link Comm.Co. Ltd | €68.44 | €68.44 | D | | Advert Tender GLCT004/2012 - Soft Areas | 21.07.2012 | 049327 | 197 | | | 7907 |
| 57 | Mr. Joe Borg | €46.59 | €46.59 | D | | Duck Food for the month of July 2012 | 31.07.2012 | 39 | 198 | | | 7879 |
| 58 | Ms Alexandra Galea | €375.00 | €375.00 | Q | | Craft Lessons for the month of July 2012 | 31.07.2012 | 33 | 199 | | | 7880 |
| 59 | Mr. Emanuel Mifsud | €5,590.50 | €5,590.50 | T | | Door to Door Collection July 2012 | 31.07.2012 | 35 | 200 | | | 7881 |
| 60 | Mr. Emanuel Mifsud | €432.87 | €432.87 | T | | Skip Hire - July 2012 | 31.07.2012 | 36 | 201 | | | 7882 |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€12,766.97** | **€12,766.97** |
| **Sub Total b/f** | **€14,582.71** | **€14,582.71** |
| **Total** | **€27,349.68** | **€27,349.68** |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/06**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/06 01.08.2012** **Data:** **28.06.2012 - 01.08.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Mr Emanuel Mifsud | €836.06 | €836.06 | T | | Public Convenience | 31.07.2012 | 37 | 202 | | | 7883 |
| 62 | Mr Emanuel Mifsud | €974.38 | €974.38 | T | | Bulky Refuse - June 2012 = 178 Calls | 31.07.2012 | 38 | 203 | | | 7884 |
| 63 | MaltaPost | €100.00 | €100.00 | D | | Postage Stamps for Admin Office | 31.07.2012 | | 204 | | | 7885 |
| 64 | J&K Contractors Ltd | €545.11 | €545.11 | T | | Modification to ramp adjacent to P. Convenience | 22.05.2012 | 1274-12 | 205 | | | 7871 |
| 65 | Joe Bugeja & Assoc. | €21.81 | €21.81 | T | | C/Management fee re 1274-12 J&K | 27.07.2012 | | 206 | | | 7920 |
| 66 | J&K Contractors Ltd | €38.00 | €38.00 | T | | Repairs in Bouverie Street | 22.05.2012 | 1275-12 | 207 | | | 7872 |
| 67 | Joe Bugeja & Assoc. | €1.52 | €1.52 | T | | C/Management fee re 1275-12 J&K | 22.05.2012 | | 208 | | | 7921 |
| 68 | J&K Contractors Ltd | €4,392.20 | €4,392.20 | T | | Pavement in Triq Cuschieri | 22.05.2012 | 1276-12 | 209 | | | 7873 |
| 69 | Joe Bugeja & Assoc. | €175.70 | €175.70 | T | | C/Management fee re 1276-12 J&K | 27.07.2012 | | 210 | | | 7922 |
| 70 | J&K Contractors Ltd | €2,012.01 | €2,012.01 | T | | Pavement in Triq San Albert | 22.05.2012 | 1277-12 | 211 | | | 7874 |
| 71 | Joe Bugeja & Assoc. | €80.49 | €80.49 | T | | C/Management fee re 1277-12 J&K | 27.07.2012 | | 212 | | | **7923** |
| 72 | J&K Contractors Ltd | €731.12 | €731.12 | T | | Works in diff streets &re-locate sleeping policeman | 27.07.2012 | 1288-12 | 213 | | | 7875 |
| 73 | Joe Bugeja & Assoc | €25.84 | €25.84 | T | | C/Management fee re 1288-12 H&K | 27.07.2012 | | 214 | | | 7924 |
| 74 | J&K Contractors Ltd | €916.75 | €916.75 | T | | Works re Flagpole in Triq ix-Xatt | 11.07.2012 | 1290.12 | 215 | | | 7876 |
| 75 | Joe Bugeja & Assoc | €36.67 | €36.67 | T | | C/Management fee re: 1290-12 | 27.07.2012 | | 216 | | | 7925 |
| 76 | J&K Contractors Ltd | €247.00 | €247.00 | T | | Transport of stage - 23.06.2012 - Collect and deliver | 11.07.2012 | 1291-12 | 217 | | | 7877 |
| 77 | J&K Contractors Ltd | €99.75 | €99.75 | T | | Concrete Ramp near Church | 11.07.2012 | 1292-12 | 218 | | | 7878 |
| 78 | Joe Bugeja & Assoc. | €3.99 | €3.99 | T | | C/Management fee re 1292-12 J&K | 27.07.2012 | | 219 | | | 7926 |
| 79 | Melita plc | €264.64 | €264.64 | | | Hello Service & Usage 08.07.2012-07.08.2012 | 08.07.2012 | 32532660 | 220 | | | 7849 |
| 80 | Salaries & Qualif. Allowance - July 2012 | €4,985.47 | €4,985.47 | | | Salaries & Qualif. Allowance - July 2012 | | | 221 | | | 971, 972, 973, 974, 975, 976 |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€16,488.51** | **€16,488.51** |
| **Sub Total b/f** | **€27,349.68** | **€27,349.68** |
| **Total** | **€43,838.19** | **€43,838.19** |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/06**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/06 01.08.2012** **Data:** **28.06.2012 - 01.08.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 81 | Honoraria | €521.83 | €521.83 | | | Honoraria - July 2012 | | | 222 | | | 970 |
| 82 | C.I.R. | €2,111.40 | €2,111.40 | | | C.I.R. | | | | | | 977 |
| 83 | | | | | | | | | | | | |
| 84 | | | | | | | | | | | | |
| 85 | | | | | | | | | | | | |
| 86 | | | | | | | | | | | | |
| 87 | | | | | | | | | | | | |
| 88 | | | | | | | | | | | | |
| 89 | | | | | | | | | | | | |
| 90 | | | | | | | | | | | | |
| 91 | | | | | | | | | | | | |
| 92 | | | | | | | | | | | | |
| 93 | | | | | | | | | | | | |
| 94 | | | | | | | | | | | | |
| 95 | | | | | | | | | | | | |
| 96 | | | | | | | | | | | | |
| 97 | | | | | | | | | | | | |
| 98 | | | | | | | | | | | | |
| 99 | | | | | | | | | | | | |
| 100 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€2,633.23** | **€2,633.23** |
| **Sub Total b/f** | **€43,838.19** | **€43,838.19** |
| **Total** | **€46,471.42** | **€46,471.42** |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier